31997R2190

5.11.1997 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 301/1

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEFA, KE, EURATOM) Nru 2190/97 tat-30 ta' Diċembru 1997 li jemenda r-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 260/68 li jistabbilixxi l-kondizzjonijiet u l-proċedura għall-applikazzjoni tat-taxxa għall-benefiċċju tal-Komunitajiet Ewropej

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkonsidra t-Trattat li jistabbilixxi Kunsill Wieħed u Kummissjoni Waħda tal-Komunitajiet Ewropej, u b'mod partikolari l-ewwel sub-paragrafu ta' l-Artikolu 28 tiegħu,

Wara li kkonsidra l-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej, u partikolarment l-Artikolu 13 tiegħu,

Wara li kkonsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkonsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Wara li kkonsidra l-opinjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja [2],

Wara li kkonsidra l-opinjoni tal-Qorti ta' l-Awdituri [3],

Billi r-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 260/68 [4] għandu jkun emendat biex jitqiesu dawn ir-Regolamenti li ġejjin:

— Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KEFA, KEE) Nru 2274/87 tat-23 ta' Lulju 1987 li jintroduċi miżuri speċjali biex jintemm is-servizz ta' persunal temporanju tal-Komunitajiet Ewropej [5];

— Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1857/89 tal-21 ta' Ġunju 1989 li jintroduċi miżuri speċjali u temporanji biex jintemm is-servizz ta' uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej [6];

— Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom, KEFA) Nru 2688/95 tas-17 ta' Novembru 1995 li jintroduċi miżuri speċjali biex jintemm is-servizz ta' uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej bħala riżultat ta' l-adeżjoni ta' l-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja [7];

— Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom, KEFA) Nru 2689/95 tas-17 ta' Novembru 1995 li jintroduċi miżuri speċjali biex jintemm is-servizz ta' ħaddiema temporanji tal-Komunitajiet Ewropej [8], bħala riżultat ta' l-adeżjoni ta' l-Awstrija, il-Fillandja u l-Isvezja,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

It-tnax, it-tlettax u l-erbatax-il inċiż li ġejjin għandhom ikunu miżjuda ma' l-Artikolu 2 tar-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 260/68:

"— dawk intitolati għall-*allowance* għat-terminazzjoni tas-servizz taħt l-Artikolu 4 tar-Regolament (Euratom, KEFA, KEE) Nru 2274/87 (*),

— dawk intitolati għall-*allowance* għat-terminazzjoni tas-servizz taħt l-Artikolu 3 tar-Regolament (KEE) Nru 1857/89 (**),

— dawk intitolati għall-*allowance* għat-terminazzjoni tas-servizz taħt l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE, Euratom, KEFA) Nru 2688/95 (***),

— dawk intitolati għall-*allowance* għat-terminazzjoni tas-servizz taħt l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE, Euratom, KEFA) Nru 2689/95 (****),

(*) ĠU L 209, tal-31.7.1987, p. 1. Ir-Regolament kif emendat mir-Regolament (KEE) Nru 2168/89 (ĠU L 208, ta' l-20.7.1989, p. 4).
(**) ĠU L 181, tat-28.6.1989, p. 2.
(***) ĠU L 280, tat-23.11.1995, p. 1.
(****) ĠU L 280, tat-23.11.1995, p. 4."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu japplika, fir-rigward ta' kull inċiż miżjud bl-Artikolu 1, mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' kull Regolament imsemmi rispettivament.

(1) ĠU C 85, 17 3. 1997, p. 175.
(2) Opinjoni mogħtija fil-11 ta' Novembru 1996.
(3) Opinjoni mogħtija fit-12 ta' Diċembru 1996.
(4) ĠU L 56, 4. 3. 1968, p. 8 Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KEFA, KEE, Euratom) Nru 3162/94 (ĠU L 335, 23 12. p. 5).
(5) ĠU L 209, 31. 7. 1987, p. 1. Ir-Regolament kif emendat mir-Regolament (KEE) Nru 2168/89 (ĠU L 208, 20. 7. 1989, p. 4).
(6) ĠU L 181, 28. 6. 1989, p. 2.
(7) ĠU L 280, 23. 11. 1995, p. 1.
(8) ĠU L 280, 23. 11. 1995, p. 4.

Dan ir-Regolament għandu jkun jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul il-Lussemburgu, fit-30 ta' Ottubru 1997.

Għall-Kunsill

Il-President

F. BODEN